

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10428/22

AGRI 275
AGRIFIN 58
AGRIORG 62
AGRISTR 42
DELACTION 99

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ġunju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3928 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 16.6.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem għal ċerti interventi u miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3928 final.

Mehmuż: C(2022) 3928 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2022
C(2022) 3928 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 16.6.2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem għal ċerti interventi u miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni¹, jipprevedi li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji ta' ċerti miżuri ta' appoġġ tal-PAK. L-Artikolu 44, il-paragrafu (4), tar-Regolament (UE) 2021/2116, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jemendaw dak l-Artikolu billi jżidu regoli li jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu pagamenti bil-quddiem fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115², u ċerti miżuri li jirregolaw jew jappoġġaw is-swieq agrikoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013³, sabiex żgur isir ħlas koerenti u nondiskriminatorju tal-pagamenti bil-quddiem.

Bil-ħsieb li żgur ikun hemm flessibbiltà mil-lat tal-ġestjoni finanzjarja u biex tittejjeb l-effikaċja tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115 billi jingħata flus tal-flus lill-benefiċjarji, huwa importanti li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji. Dan diġà kien possibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex li jimplementaw programmi operazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda li jimplementaw programmi ta' appoġġ nazzjonali, u l-benefiċjarji tal-inbid li jimplementaw miżuri fil-programmi ta' appoġġ nazzjonali għall-inbid.

L-użu ta' tali pagamenti bil-quddiem għal dawk is-setturi jenħteġ li jiġi riportat skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 dwar il-Pjan Strateġiku. F'dak il-kuntest, ir-regoli jenħteġ li jiġu armonizzati u estenzi għas-setturi kollha msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li jfisser li l-kamp ta' applikazzjoni għall-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem jenħteġ li jkopri wkoll l-apikultura, il-ħops u s-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (a) sa (h), (k), (m), (o) sa (t) u (w) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u s-setturi li jkopru l-prodotti elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-iskema ta' għajjnuna għall-provvista tal-frott u l-ħxejjex u l-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, attwalment ma tippermettix li l-Istati Membri jagħmlu pagamenti bil-quddiem. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba, u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-flessibbiltà mil-lat tal-ġestjoni finanzjarja u biex jiġu evitati diffikultajiet ta' flussi tal-flus għall-applikanti tal-għajjnuna, jixra q li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem soġġetti għall-kundizzjonijiet

¹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

² Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

speċifiċi stabbiliti skont l-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2021/2116. Peress li l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna huma bbażati fuq is-snin skolastiċi, li jibdew fl-1 ta' Awwissu ta' kull sena kalendarja, is-sistema tal-pagamenti bil-quddiem jenħtieġ li tapplika mis-sena skolastika 2023/2024 (l-1 ta' Awwissu 2023).

Abbażi tal-għoti tas-setgħa tal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi emendat l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116 bil-ħsieb li tiġi inkluża l-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu pagamenti bil-quddiem fir-rigward tal-interventi fis-setturi elenkati fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-iskema ta' għajnuna stabbilita fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-miżuri eċċezzjonali li jappoġġaw is-swieq agrikoli u bil-ħsieb li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jissolvew problemi speċifiċi f'każ ta' emerġenza, adottati skont l-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-konsultazzjonijiet, li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru, twettqu fil-Grupp ta' Esperti għas-Swieq Agrikoli stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, b'mod partikolari waqt il-laqgħa tal-15 ta' Frar 2022. Din il-laqgħa tat l-opportunità li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet mal-esperti kif ukoll li jiġu ppreżentati l-ideat tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-att delegat u dwar il-modifiki meħtieġa tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116. L-att delegat imbagħad traqqam biex iqis l-osservazzjonijiet u l-kummenti tal-esperti. Fl-aħħar nett, l-att delegat ġie ppubblikat bejn il-25 ta' April u 23 ta' Mejju 2022 għall-konsultazzjoni pubblika fuq is-sit web Europa. Waslet biss kontribuzzjoni waħda, iżda l-kummenti kienu jikkonċernaw ir-Regolament Delegat (UE) 2022/127 mhux dan l-att. Barra minn hekk, il-pagamenti parzjali mhumiex koperti b'dan l-att delegat. Xejn ma jwaqqaf lill-Istati Membri milli jagħtu pagamenti parzjali lill-benefiċjarji settorjali f'konformità mar-regoli nazzjonali.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jemenda l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116 rigward il-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu pagamenti bil-quddiem fir-rigward tal-interventi fis-setturi elenkati fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-iskema ta' għajnuna stabbilita fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u l-miżuri eċċezzjonali li jappoġġaw is-swieq agrikoli adottati skont l-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 16.6.2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħlas tal-pagamenti bil-quddiem għal ċerti interventi u miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(4),

Billi:

- (1) L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji ta' ċerti interventi u miżuri oħra ta' appoġġ. Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ diġà jipprevedi dik il-possibbiltà iżda hija biss għall-interventi fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex, l-inbid, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda.
- (2) Sabiex jiġi żgurat il-ħlas koerenti u nondiskriminatorju tal-pagamenti bil-quddiem, jenħtieġ li l-possibbiltà li jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem tiġi estiża għall-interventi kollha msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (3) Għal dik l-istess raġuni, il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem jenħtieġ li tiġi estiża għall-iskema ta' għajjnuna għall-provvista tal-frott u l-ħxejjex u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-ħlas ta' dawk il-pagamenti bil-quddiem jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont l-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2021/2116. Peress li l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dik l-iskema ta' għajjnuna huma bbażati fuq is-snin skolastiċi, kif definit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39⁸, is-sistema tal-pagamenti bil-quddiem jenħtieġ li tapplika għall-għajjnuna għas-sistema skolastika 2023/2024 u s-snin skolastiċi sussegwenti.

⁵ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(4) Il-miżuri eċċezzjonali li jappoġġaw is-swieq agrikoli f'konformità mal-Artikoli 219 sa 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom l-għan li jsoġġu problemi speċifiċi jew tfixkil speċifiku fis-suq. Dawk il-miżuri eċċezzjonali jistgħu jieħdu l-għamla ta' appoġġ finanzjarju straordinarju u temporanju mill-Unjoni għas-setturi milquta. Ir-regoli attwali ma jippermettux li l-Istati Membri jagħmlu l-pagamenti bil-quddiem ta' tali appoġġ. Madankollu, l-esperjenza turi li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq irid ikollhom effett immedjat sabiex jiġi evitat deterjorament irrimedjabbli tas-suq. Għalhekk jixraq li l-Istati Membri jitħallew jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji ta' dawk il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq, soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont l-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/2116 jiġi emendat skont dan,
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116, qed jiddaħħlu l-paragrafi 3a, 3b u 3c li ġejjin:

“3a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji tal-interventi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115, soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont il-paragrafu 5.

3b. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu pagamenti bil-quddiem skont l-iskema ta' għajjnuna stabbilita fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-għajjnuna għas-sena skolastika 2023/2024 u s-snin skolastiċi sussegwenti, soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont il-paragrafu 5.

3c. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji tal-miżuri ta' appoġġ għas-swieq agrikoli adottati skont l-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont il-paragrafu 5.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16.6.2022

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbiliment edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).